# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 1.1

## Kap 1: Jien u l-Oħrajn

## Lezzjoni 1.1 – Bdiet sena gdida

### L-Għanijiet:

### L-istudenti:

1. Jitgħallmu l-ġrajjiet ewlenin li t-tfal jgħaddu minnhom sa din l-età.
2. Janalizzaw il-ġrajjiet li ġraw fil-ħajja tagħhom.
3. Iqabblu dawn il-ġrajjiet ma' ta' studenti oħra fil-ħajja tagħhom.




### Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:



- Karta ta' taħriġ 1.1 (mill-Ktieb)
- Speċjali għax uniku PPP
- Kant: *What I am ...*

  https://www.youtube.com/watch?v=u8Vd2UHBbjA&spfreload=10

## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Introduċi lilek innifsek u spjega kif: Tlajna ġo klassi ġdida. Xi wħud mill-ħbieb huma ġodda. Min se jgħallimna huwa ġdid għalina. F'din is-sena, flimkien, se niltaqgħu ma' ħafna esperjenzi ġodda.



- Stieden lit-tfal jaqsam mal-oħrajn xi tagħrif dwarhom infushom.

## Nisimgħu flimkien - Il-qafas tal-lezzjoni

- Introduċi l-*powerpoint* u kompli spjega li issa sirna nafu ftit lil xulxin: x'inħobbu, min huma l-ħbieb tagħna, x'jogħġobna, x'nixtiequ nsiru la nikbru.
- Imbagħad kompli spjega: Iżda jien illum x'kapaċi nagħmel li qabel ma kontx naf nagħmlu?
- Oħloq diskussjoni: Meta kont iżgħar kont aktar dipendenti fuq min jieħu ħsiebi. Issa li bdejt nikber xi affarijiet kapaċi nagħmilhom waħdi. Sirt naf nirraġuna aktar, naħdem fi grupp, nistenna, nisma' aktar. Ħallihom isemmulek xi affarijiet oħra (kapaċitajiet).
- Issa li kbirt sena oħra u sirt naf aktar affarijiet, kapaċi nagħmel ħafna affarijiet waħdi. Tajjeb li nagħraf inkun responsabbli f'dak kollu li nagħmel u tajjeb ukoll napprezza aktar li kulħadd huwa uniku u differenti minn xulxin, li kulħadd għandu s-sabiħ tiegħu u għalhekk huwa speċjali.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1.1. u spjega l-introduzzjoni u aqra l-istorja mogħtija.
- Iddiskuti mal-klassijiet Attività 1 u Attività 2 u stieden lit-tfal jimlew ir-risposti t-tajbin.
- Iddiskuti l-Attività: Illum niddiskutu u nitgħallmu din. Oħroġ minnha s-siwi li ma jtawlux l-argumenti li jkollhom u jaħfru lil min jonqoshom.
- Spiċċa l-lezzjoni bis-song *What I am* li turi li issa bdejna nikbru aktar b'saħħitna, aktar responsabbli, aktar kapaċi naħdmu waħidna.

## Nikbru flimkien - Il-punti saljenti tal-lezzjoni



1. Bdew jikbru u allura jsiru aktar indipendenti.
2. Kulħadd għandu s-sabiħ tiegħu u għalhekk kulħadd huwa speċjali u uniku.
3. Issa li bdew jikbru tajjeb li jkunu responsabbli f'dak li jagħmlu.
4. Tajjeb ukoll li jkunu sensittivi lejn sħabhom anke meta dawn ikunu differenti minnhom.

## Nagħżlu flimkien - L-attitudni

- It-tfal juru li japprezzaw lil xulxin.
- It-tfal juru rieda li biex tkun sena tajba, iridu jagħmlu ħbieb malajr meta jonqsu lil xulxin.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Issa li bdejt nikber sirt aktar b'saħħti, aktar responsabbli, aktar kapaċi naħdem waħdi...

Song : What I am ...

https://www.youtube.com/watch?v=u8Vd2UHBbjA&spfreload=10



**Nitolbu**

Mulej, bdejna sena ġdida. Grazzi talli qatt ma ħallejtna waħidna sakemm wasalna s'hawn. Nitolbuk biex f'dis-sena li ġejja nagħrfu nkunu responsabbli u nagħtu kas aktar ta' xulxin u tal-oħrajn.

